



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2013/2122(INI)

19.9.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar prattiki ta' reklamar qarrieqi
(2013/2122(INI))

Rapporteur: Raffaele Baldassarre

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa profondament imħasseb dwar l-impatt negattiv tal-prattiki ta' reklamar żleali, qarrieqi u inġust fuq it-tkabbir ekonomiku, l-aktar fuq l-SMEs, u fuq il-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern, l-aktar fl-Istati Membri li huma anqas żviluppatti u l-aktar milquta mill-kriżi finanzjarja;
2. Jagħmel enfasi fuq il-fatt li d-differenzi li jeżistu fil-livelli ta' protezzjoni u l-mekkaniżmi ta' eżekuzzjoni pubblika fost l-Istati Membri huma ta' ostaklu għall-kampanji ta' reklamar li għaddejjin madwar il-fruntieri nazzjonali, u li dan iwassal għal inċertezzi ġuridiċi u operattivi ewlenin għan-negozji;
3. Ihegġegħ lill-Istati Membri jwaqqfu netwerk ad hoc ta' awtoritajiet nazzjonali għat-titjib tal-prattiki ta' eżekuzzjoni u għall-kondiviżjoni ta' tagħrif rilevanti; għal dan il-fini, jirrakkomanda li l-Kummissjoni tfassal linji gwida għall-awtoritajiet nazzjonali dwar il-prosekuzzjoni u l-investigazzjoni;
4. Jitlob lill-Istati Membri jwaqqfu punt fokali nazzjonali li n-negozji jistgħu jirraportaw il-prattiki qarriqin lilu u fejn ikunu jistgħu jirċievu konsulenza esperta fuq il-kwestjoni;
5. Jesprimi appoġġ qawwi għal proċedura ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib għall-każijiet transkonfinali/transfruntieri ta' reklamar qarrieqi; konsegwentement, jagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li jkunu introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi ddefiniti b'mod ċar li jiġu applikati għall-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti;
6. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq 'il quddiem definizzjoni aktar ċara tal-prattiki ta' reklamar qarrieqi; f'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni ddaħħal definizzjonijiet addizzjonali għall-prattiki ta' azzjoni legali ekoloġiċi;
7. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tirrifletti aktar fuq proposta għall-emendar tad-Direttiva 2006/114 KE ħalli tkun inkluża 'lista sewda' ta' Prattiki li għandhom jitqiesu qarriqin f'kull ċirkostanza; ma jappoġġjax it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali għall-prattiki B2B, billi l-vulnerabilità u l-ħtieġa għall-protezzjoni huma differenti mir-relazzjonijiet B2C għar-relazzjonijiet B2B;
8. Iqis li hi u tirrifletti dwar il-kwestjoni tal-inklużjoni ta' 'lista sewda' ta' Prattiki li jitqiesu li jiżgwidaw, il-Kummissjoni tiżgura li tali lista jkollha fokus fuq ċerti Prattiki kummerċjali u ma tkunx tinkludi lista ta' Kumpaniji frawdolenti;
9. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina r-relazzjoni bejn ir-reklamar komparattiv u ċerti jeddijiet ta' proprjetà intellettuali, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-paraguni bejn prodotti li jindikaw imnejn joriġinaw u oħrajn li dan ma jindikawhx.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Eva Lichtenberger, Angelika Niebler, József Szájer, Axel Voss
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Olle Schmidt